# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tlieta, 31 ta' Ottubru 2023

## Talba numru 121/2023 SFJ

## SIMONDS FARSONS CISK PLC (C -113)

**vs.**

## STRABUONO COFFEE INTERNATIONAL LIMITED (C 69201)

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-27 ta' Marzu 2023 li permezz tiegħu is-soċjeta' attriċi ippremettiet u talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

- *"Illi s-soċjeta' konvenuta għandha tagħti lis-soċjeta' attriċi s-somma kumplessiva ta' sitt mija u sebgħa w sebgħin ewro u erbgħa w tletin ċenteżmu (Eur 677.34), liema somma tirrappreżenta bilanċ mhux imħallas minn ammont dovut bħala prezz ta' merċa mibjugħa mis-soċjeta' rikorrents lis-soċjeta' konvenuta, liema ammont baqa' qatt ma tħallas u dan kif jidher mill-istatement of account anness;*
- *Illi minkejja li s-soċjeta' konvenuta ġiet interpellata diversi drabi sabiex tgħaddi għall-ħlas tal-ammont surreferit, anki permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata quddiem il-Qorti u datata 17 ta' Frar 2022, u bin-numru 400/2022, din baqgħet inadempjenti. Għalhekk,*

*kellha ssir din il-kawża fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni;*

- *Bl-ispejjes u d-drittijiet inkluż tal-ittra uffiċjali hawn fuq referita bl-imgħaxijiet sa mid-data tal-preżenti talba sal-pagament effettiv, kif ukoll b'riżerva għal qualsiasi ammont ulterjuri, li talvolta jista' jkun dovut lis-soċjeta' attriċi.*

**It-Tribunal li s-soċjeta' konvenuta ġiet notifikata skont il-Liġi u li ma ppreżentat l-ebda risposta kif ukoll ma dehret fl-ebda seduta.**

**Ra d-dokumentazzjonijiet kollha ppreżentati, inklużi anki noti li ġew ippreżentati mis-soċjeta' attriċi anki fir-rigward ta' spejjes li saru fir-rigward tal-pubblikazzjonijiet, sabiex tkun tista' ssir in-notifika tas-soċjeta' konvenuta.**

**<u>Provi mressqa w Konsiderazzjonijiet</u>**

It-Tribunal ra li ġie ppreżentat Affidavit ta' George Cassar White, rappreżentant legali tas-soċjeta' rikorrenti, fejn huwa spjega illi meta l-ħwienet imsemmija u cioe' Strabuono Pasticceria ġewwa San Pawl il-Baħar u Strabuono Coffee International, ukoll ġewwa San Pawl il-Baħar, għalqu u ma baqgħux joperaw, kien baqa' l-ammont mhux imħallas bħala prezz ta' prodotti u dan kien jammonta għas-somma ta' sitt mija u sebgħa w sebgħin ewro u erbgħa w tletin ċenteżmu (Eur 677.34), inkwantu għall-ammont ta' sitt mija w tnejn u erbgħin ewro u tlieta w disgħin ċenteżmu (Eur 642.93), mill-ħanut Strabuono Pasticceria, kont numru G/B/136488 u nkwantu għal erbgħa w tletin ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (Eur 34.41) mill-ħanut Strabuono Coffee International.

Huwa xehed ukoll illi Simonds Farsons Cisk PLC kienet għamlet diversi tentativi sabiex tipprova tiġbor dan l-ammont u ntbagħtu diversi statements u ittri kif ukoll ittri legali w ittri uffiċjali, iżda baqa' illi dan l-ammont ma tħallasx.

L-istess xhud ikkonferma illi sad-data preżenti, il-konvenut baqa' inadempjenti u għad fadallu jħallas is-somma ta' sitt mija u sebgħa w sebgħin ewro u erbgħa w tletin ċenteżmu (Eur 677.34).

It-Tribunal, għalhekk, m'għandu l-ebda raġuni għalfejn jiddubita l-veraċita ta' din ix-xhieda, illi ngħatat permezz ta' Affidavit.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***<u>Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et</u>*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Riċentament ukoll sentenza mgħotija mill-Onorevolli mħallef Christain Falzon Scerri nhar it-18 ta' Novembru, 2022 (rikors 1090/2021) (ara ***Salvatore Battiato u Emanuela Graziella Vanella vs. Alessandro Mercieca*** ) fejn l-Imħallef iddikjara "Il-grad ta' prova li l-atturi kellhom jilħqu, huwa dak li biżżejjed inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta mill-preponderanza tal-provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet".

Wara li ra d-dokumenti relattivi kif ukoll u speċjalment l-Affidavit tar-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi, it-Tribunal ma jsibx diffikulta' li jikkonkludi li s-soċjeta' attriċi timmerita li tieħu l-ammont riklamat skont l-Avviż tat-talba.

**Deċide**

Għaldaqstant, għalhekk it-Tribunal jaqta' w jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-t-talba tas-soċjeta' attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas lis-soċjeta' attriċi is-somma ta' sitt mija u sebgħa w sebgħin ewro u erbgħa w tletin ċenteżmu (Eur 677.34),bl-imgħaxx legali sa mid-data tal-preżenti talba sad-data sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll l-ispejjes ta' din il- proċedura, inkluż ikoll l-ittra uffiċjali li ġiet ippreżentata quddiem il-Qorti, datata 17 ta' Frar 2022, bin-numru 400/2022.

---

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**